

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 202

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

2 ta' Awwissu 2022

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1343 tad-29 ta' Lulju 2022 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċekinoċil, għall-klorantraniliprol u għall-emamektin f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(1)</sup>.....** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1344 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "użu tal-ICT u kummerċ elettroniku" għas-sena ta' referenza 2023, skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.....** 18
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1345 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jżommu annimali terrestri u li jiġbru, jipproduċu, jipproċessaw jew jaħżnu prodotti ġerminali <sup>(1)</sup>.....** 27
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1346 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-1,4-dimetilnaftalen, għall-8-idrossikinolina, għall-pinoksaden u għall-valifenalat f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(1)</sup>.....** 31

#### DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1347 tat-18 ta' Lulju 2022 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.....** 53
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1348 tat-18 ta' Lulju 2022 li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.....** 54

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1349 tas-26 ta' Lulju 2022 li taċċetta talba mressqa mir-Rumanija skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 għal għoxrin vettura LEMA (notifikata bid-dokument C(2022) 5152) .....	56
---	----

---

## Rettifika

★ Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/576 tat-8 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 111, 8.4.2022) .....	58
--	----

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1343

tad-29 ta' Lulju 2022

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċekinoċil, għall-klorantraniliprol u għall-emamektin f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għall-aċekinoċil, għall-klorantraniliprol u għall-emamektin ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti għall-aċekinoċil f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(2)</sup>. Għal xi prodotti, l-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għall-grapefruit, għal-larinġ, għal-lumi, għall-ixkomp, għall-mandolin, għall-ġellewż/cobnuts, għat-tuffieħ, għal-lanġas, għall-isfarġel, għan-naspli, għall-loquats/naspli tal-Ġappun, għall-għeneb tal-mejda u tal-inbid, għat-tadam, għall-brunġiel, għall-ħops, għall-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi, ħalib), għall-ekwini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi, ħalib) ma kinitx disponibbli xi informazzjoni u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni minn dawk li jimmaniġġjaw ir-riskju. Peress li ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (3) L-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti għall-klorantraniliprol, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(3)</sup>. Huwa rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għal-lewż, għall-ġewż tal-Brażil, għall-ġewż tal-anakardju, għall-qastan, għall-ġewż tal-Indi, għall-ġellewż/cobnuts, għall-macadamia, għall-ġewż Amerikan, għall-qlub tal-ġewż tal-arżnu, għall-pistaċċi, għall-ġewż, għat-tuffieħ, għall-lanġas, għall-isfarġel, għan-naspli, għal-loquats/naspli tal-Ġappun, għall-qamħirrum ħelu, għall-pastard, għall-krafes, għall-kafeni u għall-muskoli (ħnieżer, bovini, nagħaġ, mogħoż u ekwini). Għal prodotti oħrajn, huwa rrakkomandat li l-MRLs eżistenti

<sup>(1)</sup> ĠUL 070, 16.3.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-aċekinoċil f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for acequinocyl according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005). EFSA Journal 2020; 18(1): 5983.

<sup>(3)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-klorantraniliprol f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chlorantraniliprole according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005). EFSA Journal 2020; 18(9): 6235.

jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Għall-kaboċċi (kales), l-Awtorità rrakkomandat li jinżamm l-MRL eżistenti ta' 20 mg/kg. Madankollu, l-Istati Membri talbu li l-MRL għall-kaboċċi (kales) jiżdied għal 40 mg/kg, li huwa l-limitu massimu ta' residwi tal-codex (CXL) għall-weraq tar-ravanell, minħabba li l-weraq tar-ravanell bħalissa huma kklassifikati fil-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 taħt is-sottogrupp "Kaboċċi (kales)". Fl-2015 meta s-CXL għall-weraq tar-ravanell ġie introdott fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-weraq tar-ravanell ma kinux imsemmija b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, dawn tqiesu li jappartjenu għas-sottogrupp "Għelejjel tal-weraq żgħar (inkluż l-ispeċijiet tal-brassika) u mhux għas-sottogrupp "Kaboċċi (kales)". L-Istati Membri talbu li jsegwu l-klassifikazzjoni attwali. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għall-bżar ħelu, għall-bettieħ, għad-dulliegħ, għall-weraq tad-dwieli u speċijiet simili, għall-karawett, għaż-żerriegħa tal-ġirasol u għall-lift/żerriegħa tal-kanola ma kinitx disponibbli xi informazzjoni u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni minn dawk li jimmaniġġjaw ir-riskju. Peress li ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (4) L-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti għall-emamektin, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(4)</sup>. Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għal emamektin B1a u l-imlieh tiegħu, espressa bħala emamektin B1a (bażi ħielsa). Irrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-għajnbaqar, għall-patata, għall-ħjar, għall-ħjar tal-pikles, għaż-zukkini, għall-bettieħ, għad-dulliegħ, għall-brokkli, għall-pastard, għall-kaboċċi ta' Brussell, għall-kaboċċi bir-ras, għall-ħass tal-ħaruf/insalata tal-qamħ, għall-ħass, għall-krexxuni u nebbieta u rimjiet oħra, għall-krexxuni tal-art, għall-aruka, għall-mustarda ħamra, għall-għelejjel tal-weraq żgħar (inkluż l-ispeċijiet tal-brassika), għas-sorfolja, għall-kurra selvaġġ, għall-weraq tal-karfus, għat-tursin, għas-salvja, għall-klin, għas-sagħtar, għall-ħabaq u l-fjuri li jittieklu, għall-weraq tar-rand, għall-istregun, għall-piżelli (bla mżiewed) u għall-qaqoċċ. Għal prodotti oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew li jinżamm dak eżistenti. L-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għall-larinġ, għal-lumi, għall-mandolin, għall-għeneb tal-mejda u tal-inbid, għall-qara' aħmar, għall-iskarola/l-indivja tal-weraq wiesa', għaż-żerriegħa tal-qoton, għall-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għan-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-ekwini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għal annimali terrestri oħrajn tar-razzett (muskoli, xaħam, fwied, kliewi) u għall-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ, mogħoż, żwiemel) ma kinitx disponibbli xi informazzjoni u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni minn dawk li jimmaniġġjaw ir-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRL għall-berquq ma kinitx disponibbli xi informazzjoni. Tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għal prodotti oħra fosthom għall-berquq ukoll. Fl-opinjoni tagħha <sup>(5)</sup>, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kompletezza tas-sottomissjoni tad-*data* ġew issodisfati, u li l-modifika tal-MRL għall-berquq mitluba mill-applikant kienet aċċettabbli. Din il-modifika ġiet indirizzata fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/476 <sup>(6)</sup> u għalhekk l-informazzjoni addizzjonali għall-berquq mhijix meħtieġa.
- (5) Is-CXLs eżistenti ġew ikkunsidrati fl-opinjonijiet motivati tal-Awtorità. Is-CXLs, meqjusin sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni, tqiesu biex jiġu stabbiliti l-MRLs.
- (6) Fir-rigward ta' prodotti li fuqhom l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat mhuwiex awtorizzat fl-Unjoni, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi għall-importazzjoni jew CXLs, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-limitu ta' determinazzjoni speċifiku, inkella jenħtieġ li japplika l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu addattati ċerti limiti ta' determinazzjoni. Fir-rigward ta' diversi sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċertu komoditajiet l-iżvilupp tekniku jirrikjedi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

<sup>(4)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Opinjoni motivata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi ezistenti għall-emamektin f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for emamectin according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005). EFSA Journal 2019;17(8):5803.

<sup>(5)</sup> Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-livelli massimi ta' residwi ezistenti għall-emamektin f'diversi ghelejjel (Reasoned opinion on the modification of the existing maximum residue levels for emamectin in various crops). EFSA Journal 2021;19(8):6824.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/476 tal-24 ta' Marzu 2022 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċidu aċetiku, l-ażossistrobina, il-benzovindiflupir, iċ-ċjantraniliprol, iċ-ċiflufenammid, l-emamektina, il-flutolanil, il-kubrit tal-ġir, il-maltodestrina u l-prokwinazid f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 98, 25.3.2022, p. 9).

- (8) Abbażi tal-opinjoni motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tal-kwistjoni kkunsidrata, l-emendi x-xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (9) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (11) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżitorju għall-prodotti li jkunu ġew immanifatturati qabel il-modifika tal-MRLs u li l-informazzjoni dwarhom turi li qed jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.
- (12) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel it-22 ta' Frar 2023.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-22 ta' Frar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, jiżdiedu l-kolonna li ġejjin għall-aċċinoċil, għall-klorantraniliprol u għall-emamektin:

**“Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs <sup>(*)</sup>	Aċċinoċil (F)	Klorantraniliprol (F)	Emamektin B1a u l-imlieh tiegħu, espress bħala emamektin B1a (bażi htelesa) (R) (F)
0100000	<b>FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR</b>			
0110000	<b>Frott taċ-ċitru</b>	0,6(+)	0,7	
0110010	Grejpfrut	(+)		<b>0,002 (*)</b>
0110020	Larinġ	(+)		<b>0,003(+)</b>
0110030	Lumi	(+)		<b>0,003(+)</b>
0110040	Xkomp	(+)		<b>0,002 (*)</b>
0110050	Mandolin	(+)		<b>0,003(+)</b>
0110990	Oħrajn (2)			<b>0,002 (*)</b>
0120000	<b>Ġewż tas-siġar</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,03</b>	<b>0,005 (*)</b>
0120010	Lewż			
0120020	Ġewż tal-Brażil			
0120030	Ġewż tal-anakardju			
0120040	Qastan			
0120050	Ġewż tal-Indi			
0120060	Ġellewż	(+)		
0120070	Macadamia			
0120080	Ġewż Amerikan			
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu			
0120100	Pistaċċi			
0120110	Ġewż			(+)
0120990	Oħrajn (2)			
0130000	<b>Pomu</b>	<b>0,4(+)</b>	<b>0,4</b>	0,02
0130010	Tuffieħ	(+)		
0130020	Lanġas	(+)		
0130030	Sfarġel	(+)		
0130040	Naspli	(+)		
0130050	Naspli tal-Ġappun	(+)		
0130990	Oħrajn (2)			

0140000	<b>Frott tal-għadma</b>		1	
0140010	Berquq	0,01 (*)		0,05
0140020	Ċiras (ħelu)	0,1		0,04
0140030	Ħawħ	<b>0,1</b>		0,15
0140040	Għanbaqar	<b>0,03</b>		<b>0,015</b>
0140990	Oħrajn (2)	0,01 (*)		<b>0,002 (*)</b>
0150000	<b>Kukku u frott żgħir ieħor</b>			
0151000	<b>(a) għeneb</b>	<b>0,8</b>	1	<b>0,04</b>
0151010	Għeneb tal-mejda	(+)		(+)
0151020	Għeneb għall-inbid	(+)		(+)
0152000	<b>(b) frawli</b>	0,01 (*)	1	0,05
0153000	<b>(c) frott tal-kannamiela</b>	0,01 (*)	<b>1,5</b>	<b>0,002 (*)</b>
0153010	Tut			
0153020	Tut salvaġġ			
0153030	Lampun (aħmar u isfar)			
0153990	Oħrajn (2)			
0154000	<b>(d) frott żgħir u kukku oħrajn</b>	0,01 (*)		<b>0,002 (*)</b>
0154010	Mirtill		1,5	
0154020	Cranberries		1	
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)		1	
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)		1	
0154050	Warda skoċċiża		1	
0154060	Ċawqli (iswed u abjad)		1	
0154070	Għanzalor/naspli tal-Mediterran		<b>1</b>	
0154080	Frott tas-sebuqa		1	
0154990	Oħrajn (2)		1	
0160000	<b>Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:</b>	0,01 (*)		
0161000	<b>(a) b'qoxra li tittiekel</b>			
0161010	Tamal		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0161020	Tin		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0161030	Żebbuġ tal-mejda		0,01 (*)	<b>0,005 (*)</b>
0161040	Larinġ tal-qsari		<b>0,7</b>	<b>0,002 (*)</b>
0161050	Karambola		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0161060	Kaki		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0161070	Għanbaqar ta' Ġava		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>

0161990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0162000	<b>(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir</b>		0,01 (*)	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)			0,15
0162020	Liċċi			<b>0,002 (*)</b>
0162030	Frott tal-passjoni			<b>0,002 (*)</b>
0162040	Bajtar tax-xewk			<b>0,002 (*)</b>
0162050	Tuffieħ stilla			<b>0,002 (*)</b>
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja			<b>0,002 (*)</b>
0162990	Oħrajn (2)			<b>0,002 (*)</b>
0163000	<b>(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir</b>			
0163010	Avokado		0,01 (*)	<b>0,005 (*)</b>
0163020	Banana		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163030	Mango		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163040	Papaja		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163050	Rummien		0,4	<b>0,002 (*)</b>
0163060	Ċerimoja		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163070	Gwava		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163080	Ananas		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163100	Durian		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163110	Il-frotta tal-annona		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0163990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0200000	<b>ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT</b>			
0210000	<b>Ħxejjex tal-għerūq u tat-tuberi</b>	0,01 (*)		<b>0,002 (*)</b>
0211000	<b>(a) patata</b>		<b>0,03</b>	
0212000	<b>(b) ħxejjex tropikali tal-għerūq u tat-tuberi</b>		0,02	
0212010	Għerūq tal-kassava			
0212020	Patata ħelwa			
0212030	Jammijiet			
0212040	Ararut			
0212990	Oħrajn (2)			
0213000	<b>(c) ħxejjex oħra tal-għerūq u tat-tuberi min-barra l-pitravi ħelwa</b>			
0213010	Pitravi		0,06	
0213020	Zunnarija		0,08	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għerūq/krafes Ġermaniżi		0,06	



0213040	Għeruq tal-mustarda		0,06	
0213050	Artiċokks		0,06	
0213060	Zunnarija bajda		0,06	
0213070	Tursin ta' Hamburg		0,06	
0213080	Ravanell		0,5	
0213090	Leħjet il-bodbod		0,06	
0213100	Swedes		0,06	
0213110	Lift		0,06	
0213990	Oħrajn (2)		0,06	
0220000	<b>Ħxejjex tal-basla</b>	0,01 (*)	0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0220010	Tewm			
0220020	Basal			
0220030	Xalotti			
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales			
0220990	Oħrajn (2)			
0230000	<b>Ħxejjex tal-frott</b>			
0231000	<b>(a) Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae</b>			0,02
0231010	Tadam	<b>0,3(+)</b>	0,6	
0231020	Bżar ħelu	0,01 (*)	1(+)	
0231030	Brunġiel	<b>0,3(+)</b>	0,6	
0231040	Bamja	0,01 (*)	0,6	
0231990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	0,6	
0232000	<b>(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekel</b>		0,3	<b>0,007</b>
0232010	Ħjar	0,08		
0232020	Ħjar tal-pikles	0,04		
0232030	Zukkini	<b>0,08</b>		
0232990	Oħrajn (2)	0,01 (*)		
0233000	<b>(c) kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx</b>	0,01 (*)	0,3	<b>0,008</b>
0233010	Bettieħ		(+)	
0233020	Qara' aħmar			(+)
0233030	Dulliegħ		(+)	
0233990	Oħrajn (2)			
0234000	<b>(d) qamħirrum ħelu</b>	0,01 (*)	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,002 (*)</b>

0239000	<b>(e) ħxejjex tal-frott oħrajn</b>	0,01 (*)	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,002 (*)</b>
0240000	<b>Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)</b>	0,01 (*)		
0241000	<b>(a) Brassika li tagħmel il-fjuri</b>			<b>0,003</b>
0241010	Brokkli		<b>1,5</b>	
0241020	Pastard		<b>0,5</b>	
0241990	Oħrajn (2)		<b>0,5</b>	
0242000	<b>(b) kaboċċi kkapoċċati</b>			<b>0,004</b>
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk		0,01 (*)	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati		2	
0242990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	
0243000	<b>(c) brassika bil-weraq</b>			
0243010	Kaboċċi Ċiniżi		20	<b>0,2</b>
0243020	Kaboċċi ("kales")		<b>40</b>	0,03
0243990	Oħrajn (2)		20	0,03
0244000	<b>(d) ġdur</b>		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0250000	<b>Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>			
0251000	<b>(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata</b>	0,01 (*)		
0251010	ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ		20	<b>0,6</b>
0251020	ħass		20	<b>0,2</b>
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin		20	<b>0,15(+)</b>
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		20	<b>0,6</b>
0251050	Krexxuni tal-art		20	<b>0,6</b>
0251060	Aruka		20	<b>0,6</b>
0251070	Mustarda ħamra		20	<b>0,6</b>
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)		<b>40</b>	<b>0,6</b>
0251990	Oħrajn (2)		20	<b>0,6</b>
0252000	<b>(b) spinaċi u weraq simili</b>	0,01 (*)	20	0,2
0252010	Spinaċi			
0252020	Burdlieq			
0252030	Weraq tas-selq			
0252990	Oħrajn (2)			

0253000	<b>(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili</b>	0,01 (*)	20(+)	<b>0,002 (*)</b>
0254000	<b>(d) krexxuni</b>	0,01 (*)	20	<b>0,6</b>
0255000	<b>(e) ċikwejra</b>	0,01 (*)	20	<b>0,002 (*)</b>
0256000	<b>(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>	<b>0,02 (*)</b>	20	
0256010	Maxxita			<b>0,2</b>
0256020	Kurrat selvaġġ			<b>0,2</b>
0256030	Weraq tal-karfus			<b>0,2</b>
0256040	Tursin			<b>0,2</b>
0256050	Salvja			<b>0,6</b>
0256060	Klin			<b>0,2</b>
0256070	Timu			<b>0,2</b>
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu			<b>0,2</b>
0256090	Weraq tar-rand			<b>0,2</b>
0256100	Stregun			<b>0,2</b>
0256990	Oħrajn (2)			<b>0,2</b>
0260000	<b>Legumi</b>	0,01 (*)		
0260010	Fażola (bl-imżiewed)		0,8	0,03
0260020	Fażola (bla mżiewed)		0,01 (*)	<b>0,015</b>
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)		2	0,03
0260040	Piżelli (bla mżiewed)		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0260050	Għads		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0260990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0270000	<b>Ħxejjex biz-zokk</b>	0,01 (*)		
0270010	Spraġ		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0270020	Kardun		<b>8</b>	<b>0,002 (*)</b>
0270030	Krafes		<b>8</b>	<b>0,002 (*)</b>
0270040	Bużbież ta' Firenze		<b>8</b>	<b>0,002 (*)</b>
0270050	Qaqoċċ		2	<b>0,09</b>
0270060	Kurrat		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0270070	Rabarbru		<b>8</b>	<b>0,002 (*)</b>
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0270090	Qlub tal-palm		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0270990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0280000	<b>Faqqiegħ, ħażiż u likeni</b>	0,01 (*)	0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0280010	Faqqiegħ ikkultivat			

0280020	Faqqiegħ salvaġġ			
0280990	Ħażiż u likeni			
0290000	<b>Alka u organiżmi prokarjoti</b>	0,01 (*)	0,01 (*)	<b>0,002 (*)</b>
0300000	<b>BUS U ĦEMES</b>	0,01 (*)	0,3	<b>0,005 (*)</b>
0300010	Fażola			
0300020	Għads			
0300030	Piżelli			
0300040	Lupini/fażola tal-lupini			
0300990	Oħrajn (2)			
0400000	<b>ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT</b>	0,01 (*)		<b>0,005 (*)</b>
0401000	<b>Żrieragħ taż-żejt</b>			
0401010	Żerriegħa tal-kittien		2	
0401020	Karawett		0,06(+)	
0401030	Żerriegħa tal-peprin		2	
0401040	Ġulġlien		2	
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		2(+)	
0401060	Żerriegħa tal-lift		2(+)	
0401070	Fażola tas-sojja		0,05	
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		2	
0401090	Żerriegħa tal-qoton		0,3	(+)
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar		2	
0401110	Żrieragħ tal-għosfor		2	
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		2	
0401130	Żerriegħa tal- <i>camelina sativa</i>		2	
0401140	Qannebusa		2	
0401150	Fażola tar-rigħnu		2	
0401990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	
0402000	<b>Frott taż-żejt</b>			
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt		0,01 (*)	
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt		0,01 (*)	
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt		0,8	
0402040	Kapok		0,01 (*)	
0402990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	
0500000	<b>ĊEREALI</b>	0,01 (*)		<b>0,005 (*)</b>
0500010	Xgħir		0,02	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn		0,02	

0500030	Qamħirrum		0,02	
0500040	Millieġ komuni		0,02	
0500050	Ħafur		0,02	
0500060	Ross		0,4	
0500070	Segala		0,02	
0500080	Sorgu		0,02	
0500090	Qamħ		0,02	
0500990	Oħrajn (2)		0,02	
0600000	<b>TEJJET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB</b>	<b>0,05 (*)</b>		
0610000	<b>Tejjet</b>		<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0620000	<b>Kafeni</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0630000	<b>Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:</b>		<b>0,05 (*)</b>	
0631000	<b>(a) mill-fjuri</b>			<b>0,01 (*)</b>
0631010	Kamumella			
0631020	Ibisku			
0631030	Ward			
0631040	Ġiżimin			
0631050	Tilju			
0631990	Oħrajn (2)			
0632000	<b>(b) mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi</b>			2
0632010	Frawla			
0632020	Rooibos			
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj			
0632990	Oħrajn (2)			
0633000	<b>(c) mill-għeruq</b>			<b>0,01 (*)</b>
0633010	Valerjana			
0633020	Ġinseng			
0633990	Oħrajn (2)			
0639000	<b>(d) minn kull parti oħra tal-pjanta</b>			<b>0,01 (*)</b>
0640000	<b>Żerriegħa tal-Kawkaw</b>		<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0650000	<b>Ħarrub</b>		<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0700000	<b>HOPS</b>	<b>20(+)</b>	40	<b>0,01 (*)</b>
0800000	<b>ĦWAWAR</b>			
0810000	<b>Ħwawar taż-żerriegħa</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0810010	Ħlewwa			
0810020	Kemmun iswed			

0810030	Karfus			
0810040	Kosbor			
0810050	Kemmun			
0810060	Xibt			
0810070	Bużbież			
0810080	Fienu			
0810090	Noċemuskata			
0810990	Oħrajn (2)			
0820000	<b>Ħwawar tal-frott</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment			
0820020	Bżar tas-Sichuan			
0820030	Karwija			
0820040	Kardamomu			
0820050	Frott tal-ġnibru			
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)			
0820070	Vanilja			
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi			
0820990	Oħrajn (2)			
0830000	<b>Ħwawar tal-qoxra tas-siġar</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0830010	Kannella			
0830990	Oħrajn (2)			
0840000	<b>Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi</b>			
0840010	Għud is-sus	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0840020	Ġiġer (10)			
0840030	Żaġhfran tal-Indja/kurkuma	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0840040	Għerq tal-mustarda (11)			
0840990	Oħrajn (2)	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0850000	<b>Ħwawar tal-blanzuni</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0850010	Imsiemer tal-qronfol			
0850020	Kappar			
0850990	Oħrajn (2)			
0860000	<b>Il-ħwawar ta' qalb il-fjura</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0860010	Żaġhfran			
0860990	Oħrajn (2)			
0870000	<b>Ħwawar tal-aril</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata			
0870990	Oħrajn (2)			

0900000	<b>PJANTI TAZ-ZOKKOR</b>	0,01 (*)		<b>0,002 (*)</b>
0900010	Pitravi ħelu		<b>0,01 (*)</b>	
0900020	Kannamieli		0,5	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra		<b>0,01 (*)</b>	
0900990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	
1000000	<b>PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI</b>			
1010000	<b>Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:</b>	0,01 (*)		
1011000	<b>(a) mill-ħnieżer</b>			
1011010	Muskoli	(+)	<b>0,03</b>	<b>0,004(+)</b>
1011020	Xaħam	(+)	0,2	0,02(+)
1011030	Fwied	(+)	0,2	0,08(+)
1011040	Kliewi	(+)	0,2	0,08(+)
1011050	Ġewwienu li jittiekkel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,2	0,08
1011990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)
1012000	<b>(b) mill-annimali bovini</b>			
1012010	Muskoli	(+)	<b>0,03</b>	<b>0,004(+)</b>
1012020	Xaħam	(+)	0,2	0,02(+)
1012030	Fwied	(+)	0,2	0,08(+)
1012040	Kliewi	(+)	0,2	0,08(+)
1012050	Ġewwienu li jittiekkel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,2	0,08
1012990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)
1013000	<b>(c) min-nagħaġ</b>			
1013010	Muskoli		<b>0,03</b>	<b>0,004(+)</b>
1013020	Xaħam		0,2	0,02(+)
1013030	Fwied		0,2	0,08(+)
1013040	Kliewi		0,2	0,08(+)
1013050	Ġewwienu li jittiekkel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,2	0,08
1013990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)
1014000	<b>(d) mill-mogħoż</b>			
1014010	Muskoli		<b>0,03</b>	<b>0,004(+)</b>
1014020	Xaħam		0,2	0,02(+)
1014030	Fwied		0,2	0,08(+)
1014040	Kliewi		0,2	0,08(+)
1014050	Ġewwienu li jittiekkel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,2	0,08
1014990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)

1015000	<b>(e) mill-ekwini</b>			
1015010	Muskoli	(+)	<b>0,03</b>	<b>0,004(+)</b>
1015020	Xaħam	(+)	0,2	0,02(+)
1015030	Fwied	(+)	0,2	0,08(+)
1015040	Kliewi	(+)	0,2	0,08(+)
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,2	0,08
1015990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)
1016000	<b>(f) mill-pollam</b>			0,01 (*)
1016010	Muskoli		<b>0,02</b>	
1016020	Xaħam		0,08	
1016030	Fwied		0,07	
1016040	Kliewi		<b>0,01 (*)</b>	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		<b>0,08</b>	
1016990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	
1017000	<b>(g) minn animali terrestri mrobbijin oħrajn</b>			
1017010	Muskoli		<b>0,03</b>	<b>0,004(+)</b>
1017020	Xaħam		0,2	0,02(+)
1017030	Fwied		0,2	0,08(+)
1017040	Kliewi		0,2	0,08(+)
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,2	0,08
1017990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)
1020000	<b>Ħalib</b>	0,01 (*)	0,05	<b>0,002 (*)</b>
1020010	Bhejjem tal-ifrat	(+)		(+)
1020020	Nagħaġ			(+)
1020030	Mogħoż			(+)
1020040	Żwiemel	(+)		(+)
1020990	Oħrajn (2)			
1030000	<b>Bajd tal-għasafar</b>	0,01 (*)	0,2	0,01 (*)
1030010	Tiġieġ			
1030020	Papri			
1030030	Wiżż			
1030040	Summien			
1030990	Oħrajn (2)			
1040000	<b>Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)</b>	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
1050000	<b>Amfibji u Rettili</b>	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)



1060000	<b>Annimali terrestri invertebrati</b>	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
1070000	<b>Annimali vertebrati terrestri slavaġ</b>	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
1100000	<b>PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)</b>			
1200000	<b>PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)</b>			
1300000	<b>PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)</b>			

(\*) Jindika l-aktar limitu baxx tal-kwantifikazzjoni analitika

(<sup>e</sup>) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li japplikaw l-MRLs għalihom, għandha ssir referenza għall-Anness I

### **Aċekinoċil (F)**

(F) Solubbli fix-xaħam

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-metodi analitiċi u l-istabbiltà tal-ħżin. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

#### **0120060 Ġellewż/cobnuts**

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-metodi analitiċi. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

#### **1011010 Muskoli**

#### **1011020 Xaħam**

#### **1011030 Fwied**

#### **1011040 Kliewi**

#### **1012010 Muskoli**

#### **1012020 Xaħam**

#### **1012030 Fwied**

#### **1012040 Kliewi**

#### **1015010 Muskoli**

#### **1015020 Xaħam**

#### **1015030 Fwied**

#### **1015040 Kliewi**

#### **1020010 Bhejjem tal-ifrat**

#### **1020040 Żwiemel**

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istudji tal-idroliżi li jissimulaw il-pastorizzazzjoni, it-togħlija u l-sterilizzazzjoni. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

#### **0110000 Frott taċ-ċitru**

#### **0110010 Grapefruit**

#### **0110020 Larinġ**

#### **0110030 Lumi**

#### **0110040 Xkomp**

#### **0110050 Mandolin**

#### **0130000 Pomu**

#### **0130010 Tuffieħ**

#### **0130020 Lanġas**

#### **0130030 Sfarġel**

#### **0130040 Naspli**

#### **0130050 Loquats/Naspli tal-Ġappun**

#### **0151010 Għeneb tal-mejda**

#### **0151020 Għeneb tal-inbid**

#### **0231010 Tadam**

**0231030 Brunġiel**

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħżin u l-istudji tal-idroliżi li jissimulaw il-pastorizzazzjoni, it-togħlija u l-isterilizzazzjoni. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0700000 HOPS****Klorantraniliprol (F)**

(F) Solubbli fix-xaħam

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-provi li saru rigward ir-residwi. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0231020 Bżar ħelu****0233010 Bettieħ****0233030 Dulliegħ****0401020 Karawett****0401050 Żerriegħa tal-ġirasol****0401060 Lift/żerriegħa tal-kanola**

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħżin li ntużaw fil-provi li saru rigward ir-residwi. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0253000 (c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili****Emamektin B1a u l-imlieh tiegħu, espress bħala emamektin B1a (bażi ħielsa) (R) (F)**

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi: Emamektin B1a u l-imlieh tiegħu, espress bħala emamektin B1a (bażi ħielsa) - kodiċi 1000000: Emamektin B1a

(F) Solubbli fix-xaħam

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-metodi analitiċi. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0110020 Larinġ****0110030 Lumi****0110050 Mandolin****0151010 Għeneb tal-mejda****0151020 Għeneb tal-inbid****1011010 Muskoli****1011020 Xaħam****1011030 Fwied****1011040 Kliewi****1012010 Muskoli****1012020 Xaħam****1012030 Fwied****1012040 Kliewi****1013010 Muskoli****1013020 Xaħam****1013030 Fwied****1013040 Kliewi****1014010 Muskoli****1014020 Xaħam****1014030 Fwied****1014040 Kliewi****1015010 Muskoli****1015020 Xaħam****1015030 Fwied****1015040 Kliewi****1017010 Muskoli****1017020 Xaħam****1017030 Fwied****1017040 Kliewi****1020010 Bhejjem tal-ifrat****1020020 Nagħaġ****1020030 Mogħoż****1020040 Żwiemel**

---

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-provi li saru rigward ir-residwi. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0233020 Qara' aħmar**

**0251030 Skarola/Indivja tal-weraq wiesa'**

**0401090 Żerriegħa tal-qoton**

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħżin. Meta tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi sottomessa sat-2 ta' Awwissu 2024, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0120110 Ġewż"**

---

- (2) fil-Parti A tal-Anness III, il-kolonni għall-aċekinoċil, għall-klorantraniliprol u għall-emamektin jitħassru.
-

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1344****tal-1 ta' Awwissu 2022****li jstabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku” għas-sena ta' referenza 2023, skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex skont l-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2152 tiġi prodotta d-*data* fir-rigward tas-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku”, elenkat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, abbażi ta' *data* kumparabbli u armonizzata, u sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod korrett is-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku”, il-Kummissjoni jeħtieġ tispeċifika l-varjabbli, l-unitajiet tal-kejl, il-popolazzjoni statistika, il-klassifikazzjonijiet u d-diżaggregazzjonijiet, kif ukoll l-iskadenzi għat-trażmissjoni ta' dik id-*data*.
- (2) Skont il-punt (a) tal-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2019/2152, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu rapporti dwar il-kwalità u l-metadata għad-*data* trażmessa skont dak ir-Regolament. Għalhekk hu meħtieġ li jiġu stabbiliti l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' daww ir-rapporti.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*Għas-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku”, kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2152, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) għall-perjodu ta' referenza 2023 f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.*Artikolu 2*

1. Ir-rapport annwali dwar il-metadata għas-sena ta' referenza 2023 għas-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku” għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (Eurostat) sal-31 ta' Mejju 2023.
2. Ir-rapport annwali dwar il-kwalità għas-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku” għas-sena ta' referenza 2023 għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (Eurostat) sal-5 ta' Novembru 2023.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

---

(<sup>1</sup>) ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

Speċifikazzjonijiet tekniċi tar-reqwiziti tad-*data* għas-suġġett “użu tal-ICT u kummerċ elettroniku”

Obbligatorju/ fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
Varjabbli obbligatorji	<p>(i) għall-intrapriżi kollha:</p> <p>(ii) għall-intrapriżi li għandhom persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom b'aċċess għall-internet għal finijiet ta' negozju:</p>	<p>(1) l-attività ekonomika prinċipali tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(2) l-għadd medju ta' persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(3) il-valur totali tal-fatturat (f'termini monetarji, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(4) l-għadd ta' persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom jew il-perċentwal tal-għadd totali ta' persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom u li għandhom aċċess għall-internet għal finijiet ta' negozju</p> <p>(5) l-użu ta' kull tip ta' konnessjoni fissa mal-internet</p> <p>(6) ikollhom sit web</p> <p>(7) ikollhom app mobbli għall-klijenti (bħal programm ta' lealtà, kummerċ elettroniku, appoġġ għall-klijenti)</p> <p>(8) l-użu ta' networks soċjali</p> <p>(9) l-użu ta' blogs jew mikroblogs tal-intrapriża</p> <p>(10) l-użu ta' siti web jew apps li jikkondividu kontenut multimedjali</p> <p>(11) il-bejgħ bl-internet ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' siti web jew apps (inkluż extranets) tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(12) il-bejgħ bl-internet ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn bosta intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(13) il-bejgħ tat-tip EDI (il-wasla ta' ordnijiet magħmula permezz ta' messaġġi ta' Skambju Elettroniku ta' <i>Data</i>) ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(14) l-użu ta' software għall-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi (ERP) għall-ġestjoni tar-riżorsi billi tinqasam l-informazzjoni fost oqsma funzjonali differenti bħall-kontabbiltà, l-ippjanar, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni</p> <p>(15) l-użu ta' software għall-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti (CRM) għall-ġestjoni tal-informazzjoni dwar il-klijenti bħar-relazzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet</p> <p>(16) l-użu ta' software għall-Intelliġenza tan-Negozju (BI) għall-aċċess u l-analiżi tad-<i>data</i>, li jippreżenta s-sejbiet analitiċi biex jinkiseb għarfien dettaljat għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ippjanar strateġiku</p> <p>(17) il-kondiviżjoni tad-<i>data</i> b'mod elettroniku mal-fornituri jew mal-klijenti fil-katina tal-provvista, pereżempju permezz ta' siti web jew apps, sistemi tal-EDI, sensuri jew traċċar f'fin reali</p> <p>(18) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> (minn sorsi tad-<i>data</i> interni u esterni) mill-impjegati proprji</p> <p>(19) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> minn intrapriża jew organizzazzjoni esterna għall-intrapriża (inkluż l-analitika tad-<i>data</i> bbażata fuq <i>data</i> minn sorsi interni u esterni)</p> <p>(20) ix-xiri ta' servizzi tal-cloud computing li jintużaw bl-internet</p>

Obbligatorju/ fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
		(21) l-użu tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali li jwettqu analiżi tal-lingwa miktuba (bħall-estrazzjoni tat-test) (22) l-użu tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali li jikkonvertu l-lingwaġġ mihaddet f'format li jinqara mill-magni (l-ġharfien tat-taħdit) (23) l-użu tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali li jiġġeneraw lingwaġġ miktub jew mihaddet (il-ġenerazzjoni ta' lingwa naturali, sinteżi tat-taħdit) (24) l-użu tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali li jidentifikaw l-oġġetti jew il-persuni abbażi ta' immaġnijiet jew vidjos (l-ġharfien tal-immaġni, l-ipproċessar tal-immaġni) (25) l-użu tat-tagħlim awtomatiku (bħat-tagħlim profond) għall-analiżi tad- <i>data</i> (26) l-użu tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali li jawtomatizzaw flussi tax-xoġħol differenti jew li jassistu t-teħid tad-deċiżjonijiet (bħas-software tal-awtomatizzazzjoni ta' proċess robotiku bbażat fuq l-Intelliġenza Artifiċjali) (27) l-użu tat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali li jippermettu l-moviment fiżiku tal-magni permezz ta' deċiżjonijiet awtonomi bbażati fuq l-osservazzjoni tal-madwar (robots awtonomi, vetturi mingħajr sewwieq, droni awtonomi) (28) fatturi mibgħuta b'format elettroniku, bi struttura standard adattata għall-ipproċessar awtomatizzat (fatturi elettroniċi), minbarra t-trażmissjoni ta' fajls PDF, fis-sena kalendarja preċedenti (29) fatturi mibgħuta b'format elettroniku, mhux adattati għall-ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-trażmissjoni ta' fajls PDF, fis-sena kalendarja preċedenti (30) fatturi mibgħuta b'format stampat, fis-sena kalendarja preċedenti
	(iii) għall-intrapriżi li jużaw xi tip ta' konnessjoni fissa tal-internet:	(31) veloċità massima kkuntrattata tad-download tal-aktar konnessjoni fissa veloċi tal-internet fil-firxiet: [0 Mbit/s, < 30 Mbit/s], [30 Mbit/s, < 100 Mbit/s], [100 Mbit/s, < 500 Mbit/s], [500 Mbit/s, < 1 Gbit/s], [ $\geq$ 1 Gbit/s]
	(iv) għall-intrapriżi li għandhom sit web:	(32) is-sit web tal-intrapriża għandu deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi, informazzjoni dwar il-prezzijiet (33) is-sit web tal-intrapriża għandu l-possibbiltà ta' ordnijiet jew riżervazzjonijiet jew ibbukkar online (bħall-basket tax-xiri) (34) is-sit web tal-intrapriża għandu l-possibbiltà li l-viżitaturi jippersonalizzaw jew jiddisinjaw l-oġġetti jew is-servizzi online (35) is-sit web tal-intrapriża għandu l-possibbiltà tat-traċċar jew tal-istatus tal-ordnijiet magħmulin (36) is-sit web tal-intrapriża għandu kontenut personalizzat fuq is-sit web għall-viżitaturi regolari/rikkorrenti (37) is-sit web tal-intrapriża għandu servizz ta' chat għall-appoġġ tal-klijenti (chatbot, aġent virtwali jew persuna li twieġeb lill-klijenti) (38) is-sit web tal-intrapriża għandu reklam ta' pożizzjonijiet ta' impjeg jew applikazzjoni online għal impjeg miftuħa (39) is-sit web tal-intrapriża għandu kontenut disponibbli b'mill-inqas żewġ lingwi

Obbligatorju/ fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
	(v) għall-intrapriżi li kellhom bejgħ bl-internet, fis-sena kalendarja preċedenti:	<p>(40) il-valur tal-bejgħ bl-internet ta' oġġetti jew servizzi, jew il-perċentwal tal-fatturat totali ġġenerat mill-bejgħ bl-internet ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(41) il-perċentwal tal-valur tal-bejgħ bl-internet iġġenerat mill-bejgħ bl-internet lill-konsumaturi privati (min-Negożju għall-Konsumatur: B2C), fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(42) il-perċentwal tal-valur tal-bejgħ bl-internet iġġenerat mill-bejgħ bl-internet lil intrapriżi oħra (minn Negożju għal Negożju: B2B) u lis-settur pubbliku (minn Negożju għall-Gvern: B2G), fis-sena kalendarja preċedenti</p>
	(vi) għall-intrapriżi li kellhom bejgħ bl-internet ta' oġġetti u servizzi permezz ta' siti web jew apps tal-intrapriża u permezz ta' siti web jew apps tas-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn bosta intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:	<p>(43) il-perċentwal tal-valur tal-bejgħ bl-internet ta' oġġetti jew servizzi ġġenerati permezz tas-siti web jew tal-apps tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(44) il-perċentwal tal-valur tal-bejgħ bl-internet ta' oġġetti jew servizzi ġġenerati mill-bejgħ permezz tas-siti web jew tal-apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn bosta intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti</p>
	(vii) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti u servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:	(45) il-valur tal-bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, jew il-perċentwal tal-fatturat totali ġġenerat mill-bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti
	(viii) għall-intrapriżi li jwettqu analitika tad- <i>data</i> (minn sorsi tad- <i>data</i> interni u esterni) mill-impjegati proprji:	<p>(46) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> mir-rekords tat-tranżazzjonijiet bħad-dettalji tal-bejgħ, ir-rekords tal-pagamenti (pereżempju mill-ERP, il-ħanut online tal-intrapriża)</p> <p>(47) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> fuq <i>data</i> dwar il-klijenti, bħall-informazzjoni dwar ix-xiri tal-klijenti, il-post, il-preferenzi, ir-reċensjonijiet tal-klijenti, it-tfittxijiet (pereżempju, mis-sistema CRM jew is-sit web tal-intrapriża)</p> <p>(48) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> mill-media soċjali, inkluż mill-profilu tal-media soċjali tal-intrapriża stess (bħall-informazzjoni personali, il-kummenti, il-vidjos, l-awdjo, l-immaġnijiet)</p> <p>(49) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> dwar id-<i>data</i> tal-web (bħax-xejriet tal-magni tat-tiftix, id-<i>data</i> dwar l-iscraping tal-web)</p> <p>(50) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> fuq id-<i>data</i> ta' lokalizzazzjoni mill-użu ta' apparati jew vetturi portabbli (bħall-apparati portabbli li jużaw in-networks tat-telefonija mobbli, il-konnessjonijiet bla fili jew il-GPS)</p> <p>(51) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> fuq <i>data</i> minn apparati jew sensori intelliġenti (bħall-komunikazzjonijiet bejn magna u oħra (M2M), is-sensuri installati fil-makkinarju, is-sensuri tal-manifattura, il-metraġġi intelliġenti, it-tikketti għall-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID))</p> <p>(52) it-twettiq ta' analitika tad-<i>data</i> fuq id-<i>data</i> miftuħa tal-awtoritajiet tal-gvern (bħar-rekords pubbliċi tal-intrapriżi, il-kundizzjonijiet metereoloġiċi, il-kundizzjonijiet tipografiċi, id-<i>data</i> dwar it-trasport, id-<i>data</i> dwar l-akkomodazzjoni, id-<i>data</i> dwar il-bini)</p> <p>(53) it-twettiq ta' <i>data</i> analitika fuq id-<i>data</i> satellitari (bħall-immaġnijiet bis-satellita, is-sinjali tan-navigazzjoni, is-sinjali tal-pożizzjoni), inkluż <i>data</i> miksuba mill-infrastruttura tal-intrapriża stess jew minn servizz ipprovdut esternament (pereżempju, l-Istazzjon tal-Art AWS) u l-esklużjoni tad-<i>data</i> ta' lokazzjoni mill-użu tal-apparati jew il-vetturi portabbli li jużaw il-GPS)</p>



Obbligatorju/ fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
	(ix) għall-intrapriżi li jixtru servizzi tal-cloud computing li jintużaw bl-internet:	<p>(54) ix-xiri ta' email bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(55) ix-xiri ta' software tal-uffiċċju (bħal proċessuri tat-testi jew spreadsheets) bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(56) ix-xiri ta' applikazzjonijiet tas-software tal-finanzi jew tal-kontabbiltà bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(57) ix-xiri ta' applikazzjonijiet tas-software tal-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi (ERP) bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(58) ix-xiri ta' applikazzjonijiet tas-software għall-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti (CRM) bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(59) ix-xiri ta' applikazzjonijiet tas-software (bħal programm antivirus, kontrollur tal-aċċess għan-network) bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(60) ix-xiri tal-ospitar tal-bażi(jiet) tad-<i>data</i> tal-intrapriża bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(61) ix-xiri tal-ħżin tal-fajls bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(62) ix-xiri tal-użu tal-potenza komputazzjonali biex jitħaddem is-software tal-intrapriża stess bħala servizz tal-cloud computing</p> <p>(63) ix-xiri ta' pjattaforma tal-komputazzjoni li tipprovdni ambjent ospitat għall-iżvilupp, l-ittestjar jew il-varar ta' applikazzjoni (bħal moduli tas-software li jistgħu jintużaw mill-ġdid, interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) bħala servizz tal-cloud computing</p>
	(x) għall-intrapriżi li jużaw it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali, li jirreferu speċifikament għall-varjabbli obbligatorji (21) sa (27), il-fini tal-użu:	<p>(64) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-kummerċjalizzazzjoni jew il-bejgħ (bħat-tfassil tal-profilu tal-klijenti, l-ottimizzazzjoni tal-prezzijiet, l-offerti personalizzati ta' kummerċjalizzazzjoni, l-analiżi tas-suq ibbażata fuq it-tagħlim awtomatiku, iċ-chatbots ibbażati fuq l-ipproċessar tal-lingwi naturali għall-appoġġ tal-klijenti, ir-robots awtonomi għall-ipproċessar tal-ordnijiet)</p> <p>(65) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-proċessi tal-produzzjoni jew tas-servizzi (bħall-manutenzjoni predittiva jew l-ottimizzazzjoni tal-proċess ibbażati fuq it-tagħlim awtomatiku, l-ġhodod li jikklassifikaw jew isibu d-difetti fil-prodotti abbażi tal-viżjoni kompjuterizzata, id-droni awtonomi għas-sorveljanza tal-produzzjoni, il-kompiti ta' sigurtà jew ta' spezzjoni, ix-xogħlijiet ta' assemblaġġ imwettqa minn robots awtonomi)</p> <p>(66) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-organizzazzjoni tal-proċess jew il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tan-negozju (bħall-assistenti virtwali tan-negozju bbażati fuq it-tagħlim awtomatiku u/jew l-ipproċessar tal-lingwi naturali (pereżempju għall-abbozzar tad-dokumenti), l-analiżi tad-<i>data</i> jew it-teħid tad-deċiżjonijiet strateġiċi bbażati fuq it-tagħlim awtomatiku (pereżempju l-valutazzjoni tar-riskju, l-ippjanar jew it-tbassir tan-negozju bbażati fuq it-tagħlim awtomatiku, il-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq it-tagħlim awtomatiku jew l-ipproċessar tal-lingwi naturali (pereżempju l-iskrinjar tal-preselezzjoni tal-kandidati, it-tfassil tal-profilu tal-impjegati jew l-analiżi tal-prestazzjoni)</p> <p>(67) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għal-loġistika (bħar-robots awtonomi għas-soluzzjonijiet ta' għir u ppakkjar fl-imħażen għat-trasport, it-traċċar, id-distribuzzjoni jew l-issortjar tal-pakketti, l-ottimizzazzjoni tar-rotot ibbażata fuq it-tagħlim awtomatiku)</p> <p>(68) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għas-sigurtà tal-ICT (bħall-għarfien tal-wiċċ ibbażat fuq il-viżjoni kompjuterizzata għall-awtentikazzjoni tal-utenti tal-ICT, id-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' attacchi kibernetiċi bbażati fuq it-tagħlim awtomatiku)</p>

Obbligatorju/ fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
		<p>(69) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-kontabbiltà, il-kontroll jew il-ġestjoni tal-finanzi (bħat-tagħlim awtomatiku għall-analiżi tad-<i>data</i> li tgħin biex jittieħdu deċiżjonijiet finanzjarji, l-ipproċessar tal-fatturi bbażat fuq it-tagħlim awtomatiku, it-tagħlim awtomatiku jew l-ipproċessar tal-lingwi naturali għaż-żamma tad-dokumenti)</p> <p>(70) l-użu ta' teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali għar-riċerka u l-iżvilupp (R&amp;D) jew attività ta' innovazzjoni, eskluża r-riċerka dwar l-AI (bħall-analiżi tad-<i>data</i> għat-tweqqif tar-riċerka, is-soluzzjoni tal-problemi tar-riċerka, l-iżvilupp ta' prodott/servizz ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti abbażi tat-tagħlim awtomatiku)</p>
Varjabbli fakultattivi	<p>(i) għall-intrapriżi li għandhom persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom b'aċċess għall-internet għal finijiet ta' negozju:</p> <p>(ii) għall-intrapriżi li jużaw networks soċjali jew blogs jew mikroblogs jew siti web jew apps li jikkondividu kontenut multimedjali tal-intrapriża:</p> <p>(iii) għall-intrapriżi li jħallsu biex jirreklamaw fuq l-internet:</p> <p>(iv) għall-intrapriżi li jużaw it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali, li jirreferu speċifikament għall-varjabbli obbligatorji (21) sa (27), il-mod tal-akkwist:</p>	<p>(1) il-ħlas għar-reklamar fuq l-internet (bħar-reklami fuq magni tat-tiftix, fuq il-media soċjali, fuq siti web jew apps oħra)</p> <p>(2) il-bejgħ ta' (l-aċċess għal) <i>data</i> tal-intrapriża stess (bħad-<i>data</i> dwar il-preferenzi tal-klijenti tal-intrapriża, id-<i>data</i> mill-apparati u s-sensuri intelliġenti tal-intrapriża), fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(3) ix-xiri ta' (l-aċċess għal) <i>data</i> (bħad-<i>data</i> dwar il-preferenzi tal-klijenti ta' intrapriżi oħra, id-<i>data</i> mill-apparati u s-sensuri intelliġenti ta' intrapriżi oħra), fis-sena kalendarja preċedenti</p> <p>(4) l-użu tal-media soċjali għall-iżvilupp tal-immagna tal-intrapriża jew għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti (bħar-reklamar jew il-varar ta' prodotti)</p> <p>(5) l-użu tal-media soċjali biex jiksbu jew iwieġbu l-opinjoni, ir-reċensjonijiet jew il-mistoqsijiet tal-klijenti</p> <p>(6) l-użu tal-media soċjali biex jiġu involuti l-klijenti fl-iżvilupp jew fl-innovazzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi</p> <p>(7) l-użu tal-media soċjali għall-kollaborazzjoni mas-sħab fin-negozju (bħall-fornituri) jew ma' organizzazzjonijiet oħra (bħall-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi)</p> <p>(8) l-użu tal-media soċjali għar-reklutaġġ tal-impjegati</p> <p>(9) l-użu tal-media soċjali għall-iskambju tal-fehmiet, tal-opinjoni jew tal-għarfien fi ħdan l-intrapriża</p> <p>(10) l-użu ta' reklamar immirat ibbażat fuq il-kontenut jew il-kliem prinċipali mfitteż mill-utenti tal-internet</p> <p>(11) l-użu ta' reklamar immirat ibbażat fuq it-traċċar tal-attivitajiet tal-passat jew tal-profil tal-utent</p> <p>(12) l-użu ta' reklamar immirat ibbażat fuq il-ġeolokalizzazzjoni tal-utenti tal-internet</p> <p>(13) l-użu ta' kwalunkwe metodu ieħor ta' reklamar immirat fuq l-internet għajr dawk speċifikati fil-varjabbli fakultattivi (10), (11) jew (12)</p> <p>(14) żvilupp mill-impjegati proprji (inkluż dawk impjegati f'intrapriża omm jew affiljata)</p> <p>(15) is-software jew is-sistemi kummerċjali ġew immodifikati mill-impjegati proprji (inkluż dawk impjegati f'intrapriża omm jew affiljata)</p> <p>(16) is-software jew is-sistemi b'sors miftuħ ġew immodifikati mill-impjegati proprji (inkluż dawk impjegati f'intrapriża omm jew affiljata)</p>

Obbligatorju/ fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
		(17) inxtraw software jew sistemi kummerċjali lesti biex jintużaw (inkluż l-eżempji fejn tkun diġà ġiet inkorporata fl-oġġett jew fis-sistema mixtrija) (18) ġew ikkuntrattati fornituri esterni biex jiżviluppawhom jew jimmodifikawhom
	(v) għall-intrapriżi li ma użaw l-ebda teknoloġija tal-Intelliġenza Artifiċjali, li jirreferu speċifikament għall-varjabbli obbligatorji (21) sa (27):	(19) kunsiderazzjoni tal-użu ta' kwalunkwe teknoloġija tal-Intelliġenza Artifiċjali, li jirreferu speċifikament għall-varjabbli obbligatorji (21) sa (27)
	(vi) għall-intrapriżi li ma użaw l-ebda teknoloġija tal-Intelliġenza Artifiċjali iżda li kkunsidraw jużawhom, li jirreferu speċifikament għall-varjabbli obbligatorji (21) sa (27):	(20) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx għax il-kostijiet kienu jidhru għoljin wisq (21) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba nuqqas ta' għarfien espert rilevanti fl-intrapriża (22) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba inkompatibbiltà ma' tagħmir, software jew sistemi eżistenti (23) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba diffikultajiet bid-disponibbiltà jew il-kwalità tad- <i>data</i> meħtieġa (24) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba tħassib dwar il-ksur tal-protezzjoni tad- <i>data</i> u l-privatezza (25) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba nuqqas ta' ċarezza dwar il-konsegwenzi ġuridiċi (bħar-responsabbiltà f'każ ta' dannu kkawżat mill-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali) (26) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba kunsiderazzjonijiet etiċi (27) it-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali ma ntużawx minħabba li mhumiex utli għall-intrapriża
	(vii) għall-intrapriżi li bagħtu fatturi b'format elettroniku, bi struttura standard adattata għall-ipproċessar awtomatizzat (fatturi elettroniċi), minbarra t-trażmissjoni ta' fajls PDF, fis-sena kalendarja preċedenti:	(28) persentaġġ ta' fatturi elettroniċi mill-fatturi kollha mibgħuta, jew perċentwal tal-fatturi elettroniċi mill-fatturi kollha mibgħuta f'dawn il-firxiet li ġejjin: [0,<10], [10,<25], [25,<50], [50,<75], [>=75], fis-sena kalendarja preċedenti
Unità tal-kejl	Ċifri assoluti, minbarra l-karatteristiċi relatati mal-fatturat fil-munita nazzjonali (eluf) jew perċentwal tal-fatturat (totali)	
Popolazzjoni statistika	<i>Kopertura tal-attività:</i> It-Taqsimiet C sa J, L sa N u l-grupp 95.1 tan-NACE <i>Kopertura tal-klassi tad-daqs:</i> Intrapriżi b'10 persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom jew aktar. Intrapriżi b'inqas minn 10 persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jiġu koperti b'mod fakultattiv	

Unità tal-kejl	Ċifri assoluti, minbarra l-karatteristiċi relatati mal-fatturat fil-munita nazzjonali (eluf) jew perċentwal tal-fatturat (totali)
Diżaggregazzjonijiet	<p><i>Diżaggregazzjoni skont l-attività</i></p> <p><b>għall-kalkolu tal-aggregati nazzjonali:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— l-aggregati tat-taqsimiet u l-gruppi tan-NACE C+D+E+F+G+H+I+J+L+M+N+95.1, D+E</li> <li>— it-taqsimiet tan-NACE: C, F, G, H, I, J, L, M, N</li> <li>— id-diviżjonijiet tan-NACE: 47, 55</li> <li>— l-aggregati tad-diviżjonijiet tan-NACE: 10+11+12+13+14+15+16+17+18, 19+20+21+22+23, 24+25, 26+27+28+29+30+31+32+33</li> <li>— l-aggregati tad-diviżjonijiet u tal-gruppi: 26.1+26.2+26.3+26.4+26.8+46.5+58.2+61+62+63.1+95.1</li> </ul> <p><b>għall-kontribuzzjoni lit-totali Ewropej biss</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— it-taqsimiet tan-NACE: D, E</li> <li>— id-diviżjonijiet tan-NACE: 19, 20, 21, 26, 27, 28, 45, 46, 61, 72, 79</li> <li>— il-grupp tan-NACE: 95.1</li> <li>— l-aggregati tad-diviżjonijiet tan-NACE: 10+11+12, 13+14+15, 16+17+18, 22+23, 29+30, 31+32+33, 58+59+60, 62+63, 69+70+71, 73+74+75, 77+78+80+81+82</li> </ul> <p><i>Klassi tad-daqs tal-għadd ta' persuni impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom: 10+, 10-49, 50-249, 250+; fakultattivi: 0-9, 0-1, 2-9</i></p>
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	Il-5 ta' Ottubru 2023

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1345****tal-1 ta' Awwissu 2022****li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jżommu annimali terrestri u li jiġbru, jipproduċu, jipproċessaw jew jaħżnu prodotti ġerminali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 86(1) u (2) u l-Artikolu 96(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għall-mard tal-annimali trażmissibbli lill-annimali jew l-umani, inkluż ir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-istabbilimenti li jżommu annimali terrestri u li jiġbru, jipproduċu, jipproċessaw jew jaħżnu prodotti ġerminali.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035<sup>(2)</sup> jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistri li għandhom jinżammu mill-awtorità kompetenti tal-istabbilimenti rreġistrati u approvati li jżommu annimali terrestri u li jiġbru, jipproduċu, jipproċessaw jew jaħżnu prodotti ġerminali rreġistrati magħha jew approvati minnha.
- (3) B'mod partikolari, l-Artikolu 18, il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jipprevedi li fir-reġistru tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqas irreġistrati magħha, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-indirizz u l-koordinati ġeografiċi (latitudni u lonġitudni) tal-pożizzjoni tal-istabbiliment. Barra minn hekk, l-Artikolu 18, il-punt (h), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jipprevedi li f'dak ir-reġistru, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi informazzjoni dwar il-perjodu li matulu l-annimali jew il-bajd għat-tifqis jinżammu fl-istabbiliment jekk ma jkunx okkupat kontinwament, inkluż l-okkupazzjoni staġonali jew l-okkupazzjoni waqt avvenimenti partikolari. Filwaqt li l-Artikolu 84(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-operaturi tal-istabbilimenti li jżommu annimali terrestri jew li jiġbru, jipproduċu, jipproċessaw jew jaħżnu prodotti ġerminali għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'ċerta informazzjoni sabiex l-istabbilimenti tagħhom jiġu rreġistrati, dik l-informazzjoni ma tinkludix l-informazzjoni dettaljata kollha meħtieġa skont l-Artikolu 18, il-punti (d) u (h), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit rekwiżit għall-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqas biex jipprovdu tali informazzjoni dettaljata lill-awtorità kompetenti għall-fini tar-reġistrazzjoni.
- (4) Bl-istess mod, l-Artikolu 21, il-punti (d) u (h), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jipprevedi wkoll li fir-reġistru tagħha tal-istabbilimenti approvati minnha, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-istess informazzjoni dettaljata meħtieġa mill-Artikolu 18, il-punti (d) u (h), ta' dak ir-Regolament Delegat. Filwaqt li l-Artikolu 96(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-operaturi jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'ċerta informazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-istabbiliment tagħhom, dik l-informazzjoni ma tinkludix l-informazzjoni dettaljata kollha meħtieġa skont l-Artikolu 21, il-punti (d) u (h), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit rekwiżit għall-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqas biex jipprovdu tali informazzjoni dettaljata lill-awtorità kompetenti għall-fini tal-approvazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).

- (5) Barra minn hekk, l-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li permezz ta' deroga mill-Artikolu 84(1) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni ċerti kategoriji ta' stabbilimenti li jippreżentaw riskju insinifikanti għas-saħħa tal-annimali jew dik pubblika. Tali eżenzjonijiet jistgħu jingħataw biss jekk dawk il-kategoriji ta' stabbilimenti jkunu ta' tip li jaqa' taħt ir-regoli stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 86(2) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jikkonċernaw it-tipi ta' stabbilimenti li jippreżentaw riskju insinifikanti li jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 85.
- (6) Ċerti stabbilimenti, b'mod partikolari dawk li jżommu l-ungulati, ma jistgħux jitqiesu li jippreżentaw riskju insinifikanti, kif imsemmi fl-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2016/429, minħabba għadd ta' mard elenkat li jista' jiġi trazzmess mill-ungulati u li jista' jaffettwa l-istat ta' saħħa tal-annimali tal-istabbilimenti jew taż-żoni f'dak ir-rigward. Bl-istess mod, il-klieb, il-qtates u l-inmsa miżmuma fi stabbiliment għal finijiet ta' tnissil ma jistgħux jitqiesu li jippreżentaw riskju insinifikanti, speċjalment mill-perspettiva tas-saħħa tal-bniedem.
- (7) Il-moviment ta' annimali, prodotti ġerminali jew prodotti ta' oriġini mill-annimali jikkostitwixxi fattur ta' riskju importanti għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem. Għalhekk, l-istabbilimenti fejn iseħħu l-movimenti, li b'mod partikolari jinvolvu movimenti lejn jew minn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi, jenħtieġ li jitqiesu li ma jippreżentawx riskju insinifikanti. Madankollu, l-istabbilimenti fejn annimali, prodotti ġerminali jew prodotti ta' oriġini mill-annimali jinżammu b'ċerta kontinwità u l-iskop primarju mhuwiex il-moviment ta' dawk l-annimali, il-prodotti ġerminali jew il-prodotti ta' oriġini mill-annimali lejn l-istabbiliment jew barra minnu, jistgħu jitqiesu li jippreżentaw riskju insinifikanti, anki jekk tali movimenti jseħħu fuq bażi okkażjonali.
- (8) Ħafna drabi l-operaturi jżommu annimali terrestri ta' diversi speċijiet fl-istess stabbiliment. Jekk Stat Membru jeżenta mir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni ċerti kategoriji ta' stabbilimenti li jippreżentaw riskju insinifikanti, kif previst fl-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2016/429, mhuwiex proporzjonat mar-riskju involut li l-operaturi jintalbu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 84(1), il-punt (b)(iii), rigward l-annimali terrestri miżmuma li għalihom l-istabbiliment jista' jiġi eżentat mir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament daqsliekeku dawk l-annimali kienu l-uniċi annimali miżmuma f'dak l-istabbiliment.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw:

- (a) l-informazzjoni li għandha tingħata mill-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqs għall-fini tar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti tagħhom, kif previst fl-Artikolu 84(1) tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (b) it-tipi ta' stabbilimenti li jżommu annimali terrestri li jippreżentaw riskju insinifikanti, li l-Istati Membri jistgħu jeżentawhom mir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (c) l-informazzjoni li għandha tingħata mill-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqs fl-applikazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-istabbilimenti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 96(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

*Artikolu 2***Informazzjoni li għandha tingħata mill-operaturi għall-fini tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment tagħhom**

1. Qabel jibdew tali attivitajiet, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqas imsemmija fl-Artikolu 84(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għandhom, flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 84(1), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-indirizz u l-koordinati ġeografiċi (latitudni u lonġitudni) tal-pożizzjoni tal-istabbiliment li għandu jiġi rreġistrat;
- (b) il-perjodu li matulu l-annimali terrestri jew il-bajd għat-tifqis jinżammu fl-istabbiliment irreġistrat jekk ma jkunx okkupat kontinwament, inkluż l-okkupazzjoni staġonali jew l-okkupazzjoni waqt avvenimenti partikolari.

2. L-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma msemmija fl-Artikolu 84(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 ma għandhomx ikunu obbligati jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 84(1), il-punt (b)(iii), ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-annimali terrestri miżmuma li jaqgħu taħt id-deroga użata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3***Tipi ta' stabbilimenti li jżommu annimali terrestri li jistgħu jiġi eżentati mir-reqwizit tar-reġistrazzjoni mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-reqwiziti tar-reġistrazzjoni l-istabbilimenti li jżommu annimali terrestri li jippreżentaw riskju insinifikanti, kif previst fl-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2016/429, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

- (a) ma jinżamm l-ebda unġulat fl-istabbiliment;
- (b) ma jinżamm l-ebda kelb, qattus jew nemes għat-tniissil fl-istabbiliment;
- (c) l-istabbiliment ma jkun involut fl-ebda moviment ta' annimali terrestri miżmuma, prodotti ġerminali jew prodotti ta' oriġini mill-annimali lejn jew minn Stat Membru jew pajjiż terz;
- (d) l-annimali terrestri miżmuma, il-prodotti ġerminali jew il-prodotti ta' oriġini mill-annimali fl-istabbiliment mhumiex maħsuba għall-moviment barra mill-istabbiliment.

2. L-Istati Membri li jeżentaw l-istabbilimenti f'konformità mal-paragrafu 1 jistgħu jstabbilixxu kriterji addizzjonali dwar il-limiti fuq l-għadd ta' annimali terrestri miżmuma li jistgħu jinżammu f'tali stabbilimenti u jirrestrinġu l-pożizzjoni ġeografika ta' dawk l-istabbilimenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-prossimità tagħhom għal stabbilimenti rreġistrati jew approvati mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 4***Informazzjoni li għandha tingħata mill-operaturi fl-applikazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-istabbiliment tagħhom**

L-operaturi tal-istabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imqafas, għall-fini tal-applikazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-istabbiliment tagħhom kif previst fl-Artikolu 94(1) u l-Artikolu 95, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/429, flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 96(1) ta' dak ir-Regolament, għandhom jipprovdu l-awtorità kompetenti bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-indirizz u l-koordinati ġeografiċi (latitudni u lonġitudni) tal-pożizzjoni tal-istabbiliment li għandu jiġi approvat;
- (b) il-perjodu li matulu l-annimali jew il-bajd għat-tifqis jinżammu fl-istabbiliment approvat jekk ma jkunx okkupat kontinwament, inkluż l-okkupazzjoni staġonali jew l-okkupazzjoni waqt avvenimenti partikolari;

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---



## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1346

tal-1 ta' Awwissu 2022

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-1,4-dimetilnaftalen, għall-8-idrossikinolina, għall-pinoksaden u għall-valifenalat f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li jorġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-1,4-dimetilnaftalen, l-8-idrossikinolina, il-pinoksaden u l-valifenalat, il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") ressqet opinjoni motivata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-MRLs eżistenti għall-1,4-dimetilnaftalen f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(2)</sup>. L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwi tinbidel għal prodotti ta' oriġini mill-animali. L-awtorità qieset li, peress li l-1,4-dimetilnaftalen tista' tkun preżenti b'mod naturali fil-prodotti tal-pjanti, jista' ma jkunx xieraq li MRLs għal prodotti li jorġinaw mill-pjanti jiġu f'fissati fil-Limitu ta' Determinazzjoni (LOD). Ikkonkludiet li ma kienx hemm biżżejjed *data* ta' monitoraġġ disponibbli għall-prodotti tal-pjanti (minbarra għall-patata) u xi informazzjoni dwar il-patata u l-prodotti ta' oriġini mill-animali ma kienet disponibbli, u li kienet meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri mill-manigiers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-MRLs kollha jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs għall-prodotti li jorġinaw mill-pjanti (bl-eċċezzjoni tal-patata) jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tad-*data* ta' monitoraġġ disponibbli bħalissa. Għall-patata u għall-prodotti ta' oriġini mill-animali, l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livelli identifikati mill-Awtorità. L-MRLs kollha msemmija hawn fuq se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (3) L-Awtorità ressqet opinjoni motivata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-MRLs eżistenti għall-8-idrossikinolina f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(3)</sup>. L-awtorità kkonkludiet li, minħabba *data* nieqsa, il-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi mwettqa hija indikattiva u għalhekk ipproponiet li l-MRLs kollha jiġu stabbiliti jew jinżammu fl-LOD. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs kollha jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (4) L-Awtorità ressqet opinjoni motivata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-MRLs eżistenti għall-pinoksaden f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(4)</sup>. Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwi. Irrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għax-xgħir, għas-segala u għall-qamħ. L-Awtorità kkonkludiet li xi informazzjoni ma kienet disponibbli b'raba mal-MRLs għall-prodotti li jorġinaw mill-animali, u li kienet meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri mill-manigiers tar-riskju. L-MRLs għall-prodotti li jorġinaw mill-animali se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

<sup>(1)</sup> ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned Opinion on the review of the existing maximum residue levels for 1,4-dimethylnaphthalene according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2021;19(5):6597.

<sup>(3)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for 8-hydroxyquinoline according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2021;19(4):6566.

<sup>(4)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for pinoxaden according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2021;19(3):6503.

- (5) L-Awtorità ressqet opinjoni motivata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-MRLs eżistenti għall-valifenalat f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 <sup>(\*)</sup>. L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel għal prodotti ta' oriġini mill-annimali. Irrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-basal, għax-xalotti u għall-brunġiel. Għal prodotti oħrajn irrakkomandat li l-MRLs eżistenti jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. Fir-rigward tal-MRL għat-tadam, l-Awtorità kkonkludiet li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri mill-manigġers tar-riskju. L-MRL għat-tadam se jiġi rieżaminat. Ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, dan l-MRL jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (6) Rigward il-prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew limiti massimi tar-residwi fil-Codex (CXLs), l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-LOD speċifiku jew jenħtieġ li japplika l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti LODs. Għas-sustanzi kollha koperti minn dan ir-Regolament, dawk il-laboratorji pproponew LODs speċifiċi għall-prodott li jistgħu jinkisbu b'mod analitiku.
- (8) Il-modifiki tal-MRLs proposti minn dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni motivati tal-Awtorità u jqisu dawk il-fatturi elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li huma rilevanti għal kull sustanza koperta minn dan ir-Regolament.
- (9) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (11) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi dispożizzjonijiet tranżitorji għall-prodotti li ġew immanifatturati qabel ma ġew modifikati l-MRLs u li l-informazzjoni dwarhom turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.
- (12) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdeu japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel it-22 ta' Frar 2023.

<sup>(\*)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for valifenalate according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2021;19(5):6591.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-22 ta' Frar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, jiżdiedu l-kolonna li ġejjin għall-1,4-dimetilnaftalen, għall-8-idrossikinolina, għall-pinoksaden u għall-valifenalat:

**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (*)	1,4-dimetilnaftalen (R) (F)	8-idrossikinolina (somma ta' 8-idrossikinolina u l-impluq tagħha, espressa bħala 8-idrossikinolina)	Somma ta' M4 u M6 (kemm ħielsa kif ukoll konjugati), espressa bħala pinoksaden (R) (A)	Valifenalat (R) (A)
0100000	<b>FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR</b>	<b>0,05(+)</b>		<b>0,03 (*)</b>	
0110000	<b>Frott taċ-ċitru</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0110010	Grejpfrut	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0110020	Larinġ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0110030	Lumi	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0110040	Xkomp	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0110050	Mandolin	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0110990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120000	<b>Ġewż tas-siġar</b>	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120010	Lewż	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120020	Ġewż tal-Brażil	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120030	Ġewż tal-anakardju	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120040	Qastan	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120050	Ġewż tal-Indi	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120060	Ġellewż	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120070	Macadamia	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120080	Ġewż Amerikan	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120100	Pistaċċi	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120110	Ġewż	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0120990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0130000	<b>Pomu</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0130010	Tuffieħ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0130020	Lanġas	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0130030	Sfarġel	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0130040	Naspli	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0130050	Naspli tal-Ġappun	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)

0130990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0140000	<b>Frott tal-għadma</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0140010	Berquq	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0140020	Ċiras (ħelu)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0140030	Ħawħ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0140040	Għanbaqar	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0140990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0150000	<b>Kukku u frott żgħir ieħor</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	
0151000	<b>(a) għeneb</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	<b>1</b>
0151010	Għeneb tal-mejda	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	<b>1</b>
0151020	Għeneb għall-inbid	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	<b>1</b>
0152000	<b>(b) frawli</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0153000	<b>(c) frott tal-kannamiela</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0153010	Tut	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0153020	Tut salvaġġ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0153990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154000	<b>(d) frott żgħir u kukku oħrajn</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154010	Mirtill	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154020	Cranberries	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154050	Warda skoċċiża	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154080	Frott tas-sebuqa	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0154990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0160000	<b>Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:</b>	<b>0,05(+)</b>		<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161000	<b>(a) b'qoxra li tittiekel</b>	<b>0,05(+)</b>		<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161010	Tamal	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161020	Tin	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161030	Żebbuġ tal-mejda	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161040	Larinġ tal-qsari	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161050	Karambola	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161060	Kaki	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)

0161070	Għanbaqar ta' Ġava	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0161990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162000	<b>(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162020	Liċċi	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162030	Frott tal-passjoni	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162040	Bajtar tax-xewk	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162050	Tuffieħ stilla	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162060	Frott tal-kaki tal-Virginja	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0162990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163000	<b>(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir</b>	<b>0,05(+)</b>		<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163010	Avokado	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163020	Banana	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163030	Mango	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163040	Papaja	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163050	Rummien	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163060	Ċerimoja	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163070	Gwava	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163080	Ananas	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163100	Durian	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163110	Il-frotta tal-annona	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0163990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0200000	<b>ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT</b>				
0210000	<b>Ħxejjex tal-għeruw u tat-tuberi</b>		0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0211000	<b>(a) patata</b>	15(+)	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0212000	<b>(b) ħxejjex tropikali tal-għeruw u tat-tuberi</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0212010	Għeruw tal-kassava	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0212020	Patata ħelwa	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0212030	Jammijiet	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0212040	Ararut	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0212990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)

0213000	<b>(c) Ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213010	Pitravi	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213020	Zunnarija	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/ krafes Ġermaniżi	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213040	Għeruq tal-mustarda	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213050	Artiċokks	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213060	Zunnarija bajda	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213070	Tursin ta' Hamburg	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213080	Ravanell	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213090	Leġjet il-bodbod	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213100	Swedes	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213110	Lift	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0213990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0220000	<b>Ħxejjex tal-basla</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0220010	Tewm	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0220020	Basal	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0220030	Xalotti	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0220990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0230000	<b>Ħxejjex tal-frott</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	
0231000	<b>(a) Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	
0231010	Tadam	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	<b>0,15(+)</b>
0231020	Bżar ħelu	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0231030	Brunġiel	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	<b>0,15</b>
0231040	Bamja	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0231990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0232000	<b>(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekel</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0232010	Ħjar	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0232020	Ħjar tal-pikles	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0232030	Zukkini	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0232990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)

0233000	<b>(c) kukurbiti b'qoxra li ma titti-kilx</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0233010	Bettieħ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0233020	Qara' aħmar	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0233030	Dulliegħ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0233990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0234000	<b>(d) qamħirrum ħelu</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0239000	<b>(e) ħxejjex tal-frott oħrajn</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0240000	<b>Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0241000	<b>(a) Brassika li tagħmel il-fjuri</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0241010	Brokkli	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0241020	Pastard	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0241990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0242000	<b>(b) kaboċċi kkapoċċati</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0242990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0243000	<b>(c) brassika bil-weraq</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0243020	Kaboċċi ("kales")	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0243990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0244000	<b>(d) ġdur</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0250000	<b>Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>	<b>0,05(+)</b>			
0251000	<b>(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251020	Ħass	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251050	Krexxuni tal-art	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251060	Aruka	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251070	Mustarda ħamra	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0251990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)



0252000	<b>(b) spinaċi u weraq simili</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0252010	Spinaċi	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0252020	Burdlieq	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0252030	Weraq tas-selq	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0252990	Oħrajn (2)	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0253000	<b>(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0254000	<b>(d) krexxuni</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0255000	<b>(e) ċikwejra</b>	<b>0,05(+)</b>	0,01 (*)	<b>0,03 (*)</b>	0,01 (*)
0256000	<b>(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256010	Maxxita	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256020	Kurrat selvaġġ	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256030	Weraq tal-karfus	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256040	Tursin	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256050	Salvja	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256060	Klin	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
0256070	Timu	<b>0,05(+)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,06 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>
